## L-ALPS (Għaqda ex-Studenti Liċeo) tiċċelebra
## l-20 Anniversarju mit-Twaqqif Tagħha ( 1994 – 2014 )

Din is-sena**, l-Għaqda ex-Studenti Liċeo (ALPS)** se tiċċelebra l-20 Anniversarju minn meta twaqqfet, f'Marzu tal-1994.

Iċ-Ċelebrazzjoni ser issir nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Marzu,2014, u se tibda b'Quddiesa Konċelebrata ppreseduta minn Mons.Arċisqof Pawlu Cremona, O.P. fil-Katidral Metropolitan ta l-Imdina, fis-6.00pm. Wara jsir Riċeviment f'Palazzo Depiro, li 'wkoll jinsab gewwa l-Imdina (biswit il-Katidral).

Membri tal-ALPS, familji tagħhom u ħbieb huma kordjalment mistiedna għal din l-okkażżjoni specjali. Ex-Studenti tal-Liċeo li ghadhom m'humiex membri tal-ALPS., jistaw ukoll jiehdu sehem. Forsi dawn jithajru jsiru membri, fl-Association of Lyceum Past Students (A.L.P.S.)

Kull min jixtieq jattendi għandu jinforma liċ-Chairperson, Membership Commission, ALPS, Alfred Agius, li joqgħod Nru.7, Ray of Light, Triq l-Isqof Alpheran, Zurrieq, ZRQ 2225. Tel.27640748/99801228 jew email alfredagius1@gmail.com. Għandha tintbgħat donazzjoni ta' Euro 18 biss ghal kull persuna.

Għall-konvenjenża ta' dawk li se jattendu ser ikun hemm servizz 'shuttle' b'minibus, bla ħlas, nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Marzu,2014, bejn il-5.00 u 6.00pm.
Minibus waħda titlaq minn ħdejn Greek Gate,quddiem il-Parking Area, u oħra titlaq minn ħdejn il-Parking Area ta' quddiem ir-Roman Villa Museum, kif ukoll mid-daħla prinċipali tal-Imdina.
Wara r-Riċeviment ikun hemm minibuses mid-9.30pm 'il quddiem għall Parking Areas koncernati.

Il-President u l-Kunsill tal-ALPS jixtiequ jaraw l-akbar numru possibbli ta' ex-Studenti tal-Liceo , li jattendu din l-okkażjoni memorabbli.